# Films fil-Pjazza tar-Rabat u fil-Madwar

Kitba ta' Emanuel Borg

Pajjiżna ilu jistinka sabiex jiġbed produzzjonijiet ta' kwalità li jħallu l-flus u li jħaddmu Maltin. Dan narawh f'films bħal *Gladiator*, *The Count of Monte Cristo* u *U-571*. Bħalissa d-dilettanti tal-films qegħdin jistennew bil-ħerqa li jinħareġ il-film *The Da Vinci Code* li mistenni jkun suċċess fejn inġibdu xi xeni fil-parroċċa tal-Birgu. Kien hemm produzzjonijiet oħra sinjuri li ġew pajjiżna iżda ma rnexxielhomx jagħmlu suċċess bħal *The MacIntosh Man*, *Cuthroat Island*, *Clash of the Titans* u *Rise of the Titanic* minkejja l-fatt li ħadmu atturi famużi bħal Pawl Newman u Geena Davis.

Ir-rabta tar-Rabat mad-dinja tal-films taf il-bidu tagħha fil-persuna ta' l-attur Rabti Joseph Calleia fejn saħansitra rnexxielu jaħdem partijiet prinċipali f'films kbar ta' Hollywood mad-direttur ċelebri Orson Wells u ma' l-attur Amerikan Charlton Heston. Ir-Rabat laqa' wkoll produzzjonijiet kbar u ta' suċċess bħal *The Midnight Express* fejn inġibdet xena ġewwa l-kunvent ta' San Duminku, u *Munich* fejn tidher bi promenenza l-knisja proto-parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl. Il-lista tal-films li nħadmu fir-Rabat hija itwal u tinkludi fiha films żgħar u oħrajn li ma daħlux fl-istorja taċ-ċinema.

Minkejja l-istorja qawwija li kien imsejjes fuqu *Munich*, dan il-film ma rnexxielux jirbaħ premju Oscar minn fost dawk li kien innominat għalihom. Madankollu ħafna mir-Rabtin se jibqgħu jiftakruh għax kien tela' r-Rabat id-direttur famuż Steven Spielberg l-għada tal-festa ta' San Pawl fl-4 ta' Lulju, 2005. Minħabba li l-iskript kien jitlob biex il-pjazza tkun taparsi xi misraħ ġewwa Ruma, il-Kumitat Festi Esterni ntalab iżarma l-planċier, il-bandalori, it-trofejiet, l-ark ta' Kristu tal-ħobża u kull armar li kien qed iżejjen il-post.

Għalhekk iż-żarmar beda minn kmieni filgħodu u ġew anke nies tal-produzzjoni biex jagħtu daqqa ta' id. Tqabbdu wkoll nies minn barra biex jitħaffef ix-xogħol għax Spielberg ried jibda jaħdem fid-disgħa ta' filgħodu. Il-pjazza kienet imdawra bil-kameras u Triq Santa Rita kienet miżgħuda b'kontejners iġorru kull xorta ta' materjal li jużaw fil-films. Fi Triq San Pawl kien hemm serbut karozzi antiki manifatturati fis-snin sebgħin bil-pjanċi Taljani u, it-tabelli tal-ħwienet tal-pjazza tgħattew b'tabelli finta Taljani biex jaqblu lkoll ta' l-i*script*.

Fil-verżjoni finali tal-film naraw xena ħiemda li tibda bi *close-up* tal-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl sakemm il-kamera taqa' fuq l-atturi li jidhru bilqiegħda jiddiskutu l-qtil politiku li kienu għadhom kif wettqu.

Mhux l-istess jista' jingħad għall-film *Black Eagle* fejn partijiet minnu nġibdu fil-pjazza u fuq iz-zuntier. Dakinhar tal-ġbir, id-direttur waqqaf lid-dilettanti tal-festa milli jżarmaw l-armar tal-festa. Fil-fatt naraw fil-film il-banda għaddejja taħt it-tfigħ tal-karti wara li l-artist ikun għadu kif ħareġ mill-bieb tal-Grotta u jibqa' miexi lejn iz-zuntier fejn jidhru l-kappella tal-Maddalena u l-plintt. Din kienet produzzjoni medja iżda rnexxiet iktar minn kemm ħasbu l-produtturi. Atturi kbar ma kienx hemm imma stabbiliethom bħala tali fosthom lil Jean Claude van Damme li bellaħ lill-udjenza bl-arti marzjali li kienu jaf jipprattika.

L-istorja ta' dan il-film ta' l-azzjoni hija fittizja totalment. Fih jidher ukoll ir-Rabti Pawlin Ġanni Ciangura magħruf bħala ta' Sigaretti qed jixrob xi ħaġa bil-kwiet waqt li fl-isfond għaddejja ġirja bil-karozzi bil-passiġġieri jisparaw lejn xulxin. Għal ħafna Rabtin dan il-film jassoċċjawh ma' dak li fih deher Ġanni Ciangura aktar milli għax irreċta Van Damme!

Rabti Pawlin ieħor li deher bi prominenza ikbar kien Ġanni l-Antik fil-produzzjoni Ingliża *Treasure in Malta* li nħadmet fil-bidu tas-snin sittin. Huwa jidher jimbotta l-karru li fuqu kien ibiegħ il-karawett biex jaqla' l-għixien tiegħu. Ġanni l-Antik kien tilef siequ fi żmien il-gwerra u b'konsegwnza ta' hekk kellu jilbes sieq artifiċjali ta' l-injam li kienet prominenti ħafna u forsi dan kien il-fattur għaliex



Xeni mill-film 'Black Eagle' fir-Rabat'



għajnejn id-direttur waqgħu fuqu. F'din is-sensiela Ingliża li għadha popolari ħafna fl-Ingilterra sal-lum il-ġurnata tispikka wkoll il-pjazza l-antika qabel ma twaqqa' l-bini faċċata tal-knisja.



Xena mill-film 'Munich' fil-pjazza tagħna

Dan is-sens ta' nostalġija nistgħu nħossuh fis-sensiela kollha għax naraw ħafna postijiet madwar Malta ta' dari meta l-bini kien għadu ma ħatafx il-kampanja li kienet issebbaħ lil gżiritna. Fis-sensiela naraw ukoll jaħdmu ħafna atturi Maltin. Dan ma kienx il-każ fil-film *Eye Witness*. Ir-Rabat laqa' din il-produzzjoni u fih ninnutaw diversi postijiet familjari mar-Rabtin bħas-Saqqajja u l-kappella tal-Maddalena. Il-film kien jirrakkonta ġrajja serja iżda fittizja.

Xena minnhom kellha ġġib il-kappella ta' San Katald. Id-direttur talab għal numru ta' akstras u l-produzzjoni qabbdet xi Maltin biex isibuhom. Kienu ntgħażlu xi ġuvintur Rabtin u qalulhom biex joqogħdu taparsi jpaċpċu madwar mejda li ġabulhom. Pawlu Borg kien fost dawn l-ekstras li ġew imwiegħda lira ħlas minn dawn il-Maltin. Imma baqgħu b'xiber imnieħer għax la dehru fil-film u lanqas tħallsu. Qalli li x'aktarx il-flus ħadhom wieħed minn dawk il-Maltin iżda ta' lanqas ġabru flushom għax xorbu kemm felħu luminata minn fuq dahar il-produzzjoni fil-jumejn li damu hemm.

Sakemm pajjiżna jibqa' jaħdem bis-sħiħ sabiex isaħħaħ din it-tip ta' industrija, ir-Rabat jibqa' importanti bħala lokalità fejn jinġibdu l-films. Sfortunatament, Malta qed tbati xi drabi għax il-postijiet Maltin li qed jintwerew fil-films qegħdin jissejħu għal postijiet oħra bħal meta xena mill-ajru tal-Port il-Kbir fil-*Count of Monte Cristo* tniżżlet bħala l-belt ta' Marsilja.

Fortunatament ir-Rabat ħa jmissu xorti oħra meta se jinġibed dokumentarju kbir minn stazzjon tat-televixin importanti Amerikan. Dan ix-xogħol se jkun ippreżentat minn Roger Moore u fih se jirrakkonta l-ġrajja tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Ma setax ikun mod ieħor la r-Rabat għandu rabta qadima ma' l-Appostlu Missierna San Pawl.



Xena mill-film 'Treasures of Malta'




L-attur Rabti Joseph Calleia



Ġanni Ciangura ta' Sigaretti fil-film 'Black Eagle'